# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 23 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1749/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Derren Bouvett

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u lira Maltin u erbghin centezmu (Lm101.40) rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mit-8 ta' Marzu, 1999, sal-1 ta' Marzu, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi l-konvenut qed jammetti s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) bhala dovuta lis-socjeta' attrici.

2. Illi ghar-rigward il-bilanc ta' wiehed u hamsin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm51.40) dan m'huwiex dovut ghaliex il-konvenut kien ta struzzjonijiet qabel Dicembru 1999 biex il-linja tieghu tigi kancellata.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-'credit limit' tal-linja in kwistjoni huwa massimu ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) u b'hekk is-socjeta' attrici kisret il-kondizzjonijiet tal-kuntratt u l-awtorizzazzjoni li ta l-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u

tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' April, 2001, fejn il-kawza giet differita in difett ta' ostakolu ghat-23 ta' April, 2001.

Ikkunsidra:
Illi l-konvenut jammetti li l-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) huwa dovut lis-socjeta' attrici izda fir-risposta tieghu jghid li l-bilanc ta' wiehed u hamsin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm51.40) m'huwiex dovut lis-socjeta' attrici u dan ghaliex qabel Dicembru, 1999, huwa kien ta struzzjonijiet lis-socjeta' attrici biex il-linja tieghu tigi kancellata. Fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Dicembru, 2000, il-konvenut jghid li madwar sena qabel huwa kien ta struzzjonijiet verbali lill-'customer services' tas-socjeta' attrici sabiex jaqtawlu l-linja. Wara din id-data huwa baqa' jircievi l-kontijiet minghand is-socjeta' attrici ghall-kera tal-linja izda xehed li huwa qatt ma vverifika mas-socjeta' attrici ir-raguni ghalfejn qed jintbaghtulu kontijiet meta l-linja kienet giet maqtugha.

Illi mid-dokumenti esibiti mill-konvenut stess (Dok. DB1 sa Dok. DB9) u mill-'istatement' esibit mis-socjeta' attrici (Dok. AV1), jirrizulta li l-ahhar pagament effetwat mill-konvenut lis-socjeta' attrici sar fid-29 ta' Ottubru, 1999, u cioe' tlett xhur qabel huwa allegatament ta l-istruzzjonijiet lis-socjeta' attrci sabiex tissospendi l-linja. Mid-dokumenti esibiti mill-konvenut jirrizulta wkol li l-konvenut kellu hafna arretrati fiz-zmien meta huwa allegatament ta l-istruzzjonijiet sabiex tigi sospiza l-linja. Fid-dokument DB7 per ezempju, jirrizulta li fl-1 ta' Ottubru, 1999, il-konvenut kellu erbgha u sittin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm64.42) arretrati. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li l-konvenut ghal xi raguni jew ohra naqas milli jesibixxi gran parti mill-kontijiet li jirreferu ghall-perijodu li huwa qed jikkontesta u cioe' Dicembru 1999 sa Marzu 2000, filwaqt li esibixxa kontijiet li jirreferu ghall-1997 u cioe' perijodu li ma jiffurmax il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u principalment minhabba l-fatt li l-konvenut ammetta li huwa qatt ma kkontesta l-kontijiet mibghuta lilu wara Dicembru, 1999, it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ma ssostanzja bl-ebda mod l-ewwel eccezzjoni tieghu u cioe' dik fis-sens li l-ammont ta' wiehed u hamsin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm51.40) m'huwiex dovut ghaliex il-konvenut ta struzzjonijiet qabel Dicembru, 1999, biex il-linja tieghu tigi kancellata u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi l-'credit limit' tal-linja in kwistjoni huwa massimu ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) u b'hekk is-socjeta' attrici kisret

il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u l-awtorizzazzjoni li ta l-konvenut u f'dan ir-rigward huwa esibixxa diversi kontijiet esibiti mis-socjeta' attrici minn fejn jirrizulta li l-'credit limit' tal-konvenut effettivament kienet hamsin lira Maltin (Lm50.00).

Illi del resto is-socjeta' attrici m'hijiex qed tikkontesta li l-'credit limit' koncess lill-konvenut kien effettivament hamsin lira Maltin (Lm50.00).

Illi jekk wiehed jaqra l-istruzzjonijiet dwar pagament moghtija mis-socjeta' attrici fuq wara tal-kontijiet mibghuta minnha lill-konvenut, wiehed jinnota li s-socjeta' attrici tistabbilixxi li "Delays in payment may prompt barring and / or disconnection of the service".  Dan jindika li s-socjeta' attrici ghandha diskrezzjoni dwar jekk tissospendiex il-linja meta utent ma jhallasx regolarment kif u meta suppost.  Il-konvenut donnu qed jippretendi li ma jhallasx ghas-servizzji provduti lilu mis-socjeta' attrici ghaliex din ikkonceditlu kreditu ta' aktar min hamsin lira Maltin (Lm50.00) u cioe' kreditu ta' aktar mill-massimu li hija kienet obbligat ruhha tikkoncedilu.

Illi l-'credit limit' ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) jobbliga lis-socjeta' attrici biex tikkoncedi lill-klijent / utent dan il-kreditu u ma tissospendilux il-linja u s-servizz jekk id-debitu tieghu maghha jkun jaqa' fil-parametri ta' dan il-'credit limit', izda zgur ma jistax jinghad li s-socjeta' attrici tkun naqset mill-obbligi kontrrattwali tagha meta kkoncediet 'credit limit' aktar mill-massimu li kienet obbligat ruhha tikkoncedi.

Illi ghal dawn il-motivi anki t-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u lira Maltin u erbghin centezmu (Lm101.40) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR